PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8709 — AXA/Pradera/Targets)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 386/09)

1. Fit-3 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pan European Value Added Venture S.C.A. ("PEVAV", il-Lussemburgu), entità li hija ultimament ikkontrollata minn AXA S.A. ("AXA", Franza),

— Pradera Limited, sussidjarja li hija prorpjetà kollha kemm hi ta' Pradera Group Limited ("Pradera", ir-Renju Unit),

— żewġ proprjetajiet immobbli f'Turin ("Targets", l-Italja).

AXA u Pradera jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Miri.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal PEVAV: fond ta' investiment alternattiv mhux irregolat li l-għan esklussiv tiegħu huwa li jinvesti l-fondi tiegħu f'assi ta' proprjetà immobbli Ewropej u li diġà għandu proprjetajiet immobbli/portafolli. PEVAV hija kkontrollata mill-grupp AXA li huwa grupp dinji tal-assigurazzjoni li għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu f'Pariġi. Il-grupp tal-kumpaniji AXA huwa attiv fl-assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u forom oħra ta' assigurazzjoni, kif ukoll fil-ġestjoni tal-investiment.

— għal Pradera: ġestjoni ta' assi u investimenti f'assi immobiljari pan-Ewropej. Huwa jagħmel parti minn grupp li huwa suq Pradera speċjalista jwasslu il-fond u l-maniġer tal-assi ta' ċentri kummerċjali u parkeġġi bl-imnut fl-Ewropa u fl-Asja.

— għall-Miri: ċentru kummerċjali u qrib proprjetà immobbli li tintuża għall-fieri u l-wirjiet, li t-tnejn li huma jinsabu fil-kumpless Lingotto f'Turin.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8709 — AXA/Pradera/Targets

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË